MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 414/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Pulis**
**vs**
**Antoine Schembri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Antoine Schembri ta’ 30 sena, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ April 1981, iben Louis u Rita nee’ D’Amato, residenti 55, Triq il-Barrieri, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 212181M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Akkuzat talli fis-17 ta’ Marzu, 2012 ghall-habta tal-17.30hrs, gewwa 45, Triq il-Haddiem, Zurrieq, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69) imma huma izjed minn mija u

sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta’ Antonia Busuttil ;

Il-Qorti kienet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, cioe’ Antonia Busuttil jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-persuna lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta’ April 2012 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Ottubru 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat il-fatt ukoll li ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien tlett(3) xhur millum ihallas lil Antonia Busuttil is-somma ta' tlett mitt ewro (€300).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C, l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien sentejn(2) millum fejn il-persuna protetta ghandha tkun Antonia Busuttil.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------